MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Kongunt Numru. 284/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi l-esponenti zzewwgu fit-28 ta’ Gunju tas-sena 2002;
2. Illi l-partijiet ilhom *de jure* separati sa mill-5 ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono u ilhom daqstant zmien separati *de facto;*
3. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel M li llum ghandu ghaxar snin;

4. Illi kull manteniment dovut ghall-minuri qieghed jghaddi b'mod regolari u dan skont l-emenda hawn annessa datata 8 ta' Novembru 2012;
5. Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi l-esponenti m'humiex jircievu manteniment minghand xulxin;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu in vista tas-suespost li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe' d-divorzju bejn il-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta Awissu 2014;

Semghet lir-rikorrenti Alison Busuttil tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi

ilhom legalment separati mill-5 ta’ Mejju 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------